# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 16.**
**Citazz. Nru. 16/00 JRM**

**Dr. Mark CAMILLERI LL.D., bhala mandatarju specjali tas-Socjeta' MAMIDOIL JETOIL GREEK PETROEUM Company S.A.**

**vs**

**ALIMAR SHIPPING COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq fis-6 ta' Jannar, 2000, li bih l- attur *nomine* ppremetta:

Illi s-socjeta' konvenuta hija proprietarja tal-vapur CARLO R, li huwa registrat hawn Malta;

Illi skond sentenza tal-Qorti ta' Piraeus (numru 1775/96), is-socjeta' attrici giet kanonizzzata kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' US$ 142,043.35, oltre ghall-imghax legali mill-14 ta' Dicembru 1995 u s-somom ta' 900,000 drachma u Lit. 3,675,600 rappresentanti spejjez gudizzjarji u legali;

Illi a tenur tal-Artiklu 37 tal-Att X1/1973 tal-ligijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar xi bastiment jew sehem fih;

Illi sa fejn jafu l-atturi, is-socjeta' konvenuta tippossiedi biss dan il-vapur, u ghaldaqstant f'kaz illi s-socjeta' konvenuta kellha tittrasferixxi l-istess vapur, il-kreditu tas-socjeta' attrici jigi eluz;

Ghalhekk l-attur *nomine* talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment fuq imsemmi u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment, inkluz il-hrug ta' "deletion certificate" mir-Registratrur tal-Bastimenti u dan isir taht dawk il provvedimneti, pattijiet u kondizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi u dan in vista tal-fatti u drittijiet fuq premessi, u tordna li jigi notifikat bis-sentenza ta' din il-Qorti r-Registratur tal-Bastimenti ta' Malta - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz Lm15 ghall-konsult, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine*;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-10 ta' Jannar, 2000, li biha appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-16 ta' Marzu, 2000;

Rat illi l-kumpannija mharrka, notifikata permezz tal- istralcjarju taghha Raymond Gatt fl-20 ta' Marzu, 2000 [pagna 14 *tergo* tal-process], naqset li tressaq Nota tal-Eccezzjonijiet fiz-zmien moghti mil-ligi jew li mqar tidher quddiem il-Qorti biex b'xi mod tikkontesta l-kawza kull meta din issejhet, u ghalhekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-attur *nomine*;

Semghet lill-avukati tal-attur *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u b'mod partikolari l-kopja tal-att ta' inibizzjoni navali tas-27 ta' Lulju, 1998 [pagna 33 sa 35], kopja tal-Ordni ghaz-zamma ta' trasferiment tal-bastiment mahrug f'Settembru, 1998 [pagni 48 sa 50] u kopja tal- petizzjoni ghall-ordni tal-bejgh tal-bastiment tat-3 ta' Dicembru, 1998 [pagni 62 sa 64] ilkoll mahruga mill-Qorti ta' Napli, relattivi ghall-bastiment "Carlo R" li dwaru saret din il-kawza;

Rat id-Degrieti taghha tat-12 ta' Dicembru, 2000, 22 ta' Frar, 2001, 22 ta' Marzu, 2001 u 3 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghas-sentenza wara li l-attur *nomine* iddikjara li ma kienx fadallu provi x'iressaq u li kien qieghed jistrieh fuq il-provi dokumentali mressqa matul is-smigh tal-kawza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija kawza maghmula taht l-artikolu 37 tal-kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti zzomm milli jsir kull negozju

dwar bastiment merkantili, f'dan il-kaz, il-bastiment "Carlo R" li jtajjar bandiera Maltija;

Illi, mill-kopji tal-atti mressqa mill-attur nomine u li gew notifikati kif jixraq permezz tal-awtoritajiet diplomatici u konsulari kompetenti, jidher li l-bastiment kien mizmum fil-port ta' Napli, fl-Italja, u li l-Qorti ta' dik il-belt irregistrat il- proceduri li ttiehdu kontra l-kumpannija li hija s-sid tal-imsemmi bastiment (il-kumpannija mharrka) mill-kumpannija attrici fil-Qorti ta' Piraeus fil-Grecja;

Illi, kif jixhdu dawk l-atti, il-proceduri fil-Qorti Griega ntemmu bil-kundanna tal-kumpannija mharrka ghall-hlas tas-somma imsemmija fic-Citazzjoni u ghall-ispejjez kollha lill-kumpannija attrici, liema sentenza nghatat fis-sitta (6) ta' Frar, 1998, u saret finali u esekuttiva fid-dsatax (19) ta' Marzu ta' dik is-sena;

Illi baqghet ma tressqet qatt kopja tal-imsemmija sentenza;

Illi, madankollu, kull att gudizzjarju mibghut minn barra gie notifikat kif imiss lill-kumpannija attrici, permezz tal-istralcjarju taghha Ray Gatt, kif juru r-riferti relattivi [pagni 25, 38 u 54 tal-process];

Illi, ladarba l-Qorti, fil-kliem tal-imsemmi artikolu 37, ghandha s-setgha li taghti l-ordni mitlub minn kull min ghandu interess ukoll f'kaz li l-kreditu pretiz li ma jkunx gudizzjarjament verifikat, ma hux mehtieg li s-socjeta' attrici ggib prova konkluziva dwar il-kreditu daqslikieku biex tinghata sentenza ta' kanonizzazzjoni tieghu;

Illi, ghalhekk, imqar jintwera *prima facie* li dak li qieghed jitlob l-attur huwa minnu, biex il-Qorti, wara li taghmel l-istharrig ta' dawk l-atti li jkunu tressqu quddiemha, tista' tqis jekk ghandhiex taghti jew le l-ordni mitlub u, f'dan il-kaz, taht liema kondizzjonijiet;

Illi, fil-kaz presenti, l-azzjoni attrici qeghda tissejjes sewwasew fuq l-esistenza ta' sentenza ta' Qorti barranija u mhux semplicement fuq "kreditu li jkun ghadu ma giex gudizzjarjament verifikat";

Illi dwar il-prova bil-mezz ta' dokumenti, il-ligi ssemmi liema dokumenti jaghmlu prova minnhom infushom tal-fatti dikjarati fihom bla htiega ta' prova ohra dwar l-awtenticita' taghhom [art 627]. Taht dik il-kategorija ta' provi jaqghu ukoll l-atti ta' qrati ta' gustizzja barranin jew ta' stabbilimenti barranin li jkunu gew awtentikati mill-awtoritajiet konsulari jew diplomatici [art. 628];

Illi, fic-cirkostanzi tal-kaz presenti, jidher li din il-prova dokumentali twettqet kif misthoqq u skond ma trid il-ligi;

Illi, kif inghad, il-kumpannija mharrka ma ressqet l-ebda kontestazzjoni ghat-talba tal-attur *nomine*, lanqas li hija m'hix sid il-bastiment, jew li ghandha gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-jeddijiet ta' l-attur nomine kif dikjarati mis-sentenza tal-Qorti Griega. Ghall-kuntrarju, jidher li l-kumpannija mharrka qeghda tbaxxi rasha ghat-talba tal-kumpannija attrici;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-kumpannija mharrka:

**Tilqa' t-talba attrici** u tordna li m'ghandu jsir l-ebda negozju, bejgh jew self dwar il-bastiment "Carlo R" jew kull sehem li l-kumpannija mharrka jista' ghandha fl-imsemmi bastiment, inkluza f'din l-ordni z-zamma milli ssir ordni ta' gheluq ta' registrazzjoni (*deletion order*) taht l-artikolu 29 tal-Kap 234 jew li jinhareg certifikat ta' thassir tar-registrazzjoni tal-istess bastiment taht l-artikolu 30;

Tordna lill-attur *nomine* li jiehu hsieb li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Registratur-Generali tal- Bastimenti u Bahrin; u

Tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza, kif mitlub.

*14 ta' Gunju, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Gunju, 2001.**